MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2009

Numru 752/1998

Il-Pulizija
(Spettur Josef Petroni)

vs

Benjamin Farrugia u Antonio Mallia

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputati ta’ karta ta’ identita’ numru 899652(m) u 705039(m) rispettivament, akkuzati talli f’dawn il-Gzejjer fid-19 ta’ Jannar 1998 u fil-jiem ta’ qabel b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

1a. b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz jew billi nqdew b’qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b’ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ kwalifiki immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh b’qerq ta’ aktar minn 12,000 lira sterlina (GBP) ghad-dannu tal-PDK Financial Services Limited u persuni ohra u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. kontra Benjamin Farrugia wahdu talli:

a. fil-5 ta’ Gunju 1998 u fil-granet ta’ qabel f’Malta xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati minn xi reat sew jekk sar f’Malta jew barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
b. ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem u cioe’ cekkijiet tal-Bank of Valletta li jappartjenu lil Bertlin International Holding Ltd billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, kif ukoll talli ghamel xjentement uzu mill-istess dokumenti falsifikati u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c. iffalsifika cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra u cioé cekkijiet tal-Bank of Valletta li jappartjenu lil Bertlin International Holding Ltd illi meta jigu pprezentati wiehed jista’ jircevi bihom hlas jew jiehu kunsinna ta’ oggetti, jew jigbor depositu minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern, kif ukoll talli xjentement ghamel uzu minn dawn id-dokumenti falsifikati, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 167 u 169 tal-Ligijiet ta’ Malta;

d. b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b’qerq ta’ aktar minn Lm4,000 ghad-dannu tal-Bank of Valletta u persuni ohra, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
e. sar recidiv ai termini ta’ l-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali (Malta) datata 02.03.94, b’sentenzi ohra moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) diversament preseduti datati 07.01.97 u 09.06.98 liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;
f. ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 09.06.98;

3. lil Antonio Mallia wahdu, talli:
f’dawn il-Gzejjer fid-19 ta’ Jannar 1998 u fil-jiem ta’ qabel b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

a. irrenda ruhu komplici fid-delitt kontra PDK Financial Services Ltd li bih qieghed jigi akkuzat Benjamin Farrugia u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 42, 43, 44, 45, 46 u 47 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-imputat Benjamin Farrugia jinsab akkuzat taht il-Kap 9: bi truffa aggravata (Artikolu 308, 309 u 310); b'falsifikazzjoni ta' atti pubblici, kummercjali jew ta' bank privat minn persuna li ma tkunx ufficjal pubbliku u l-uzu xjenti tal-istess (Artikolu 183 u 184); b'falsifikazzjoni ta' dokumenti u l-uzu taghhom (Artikolu 167 u 169); ukoll talli huwa recidiv (Artikolu 49 u 50) u li ikkommetta r-reati lilu addebitati waqt perjodu ta' sentenza sospiza (Artikolu 28A).

L-imputat Antonio Mallia huwa akkuzat bi truffa (Artikolu 308, 309 u 310) u b'komplicita' fir-reat kontra l-PDK Financial Services Limited dedott kontra l-ko-imputat Benjamin Farrugia (Artikolu 42 sa 47 tal-Kap 9).

Illi c-cirkostanzi ta' fatt li taw lok ghall-akkuzi huma u jirrigwardaw:

- zewg cekks li rrisultaw misruqa u mehuda minn librett ta' cekks appartenenti lis-socjeta' Albert Tours Ltd li l-imputat Farrugia ghaddiehom lil terzi li meta dawn ippresentawhom ghall-pagament lill-Bank gew rrifjutati billi s-socjeta' imsemmija kienet prekawzjonatament ghamlet 'stop payment' fuqhom. Dwar dan il-fatt hu muri mill-provi li l-librett kien gie nieqes minn fuq l-iskrivanija tal-'general manager' tas-socjeta' fil-5 ta' Gunju 1998. Almenu tnejn minnhom spiccaw ghand l-imputat Farrugia, li kif jirrisulta mill-ezami tal-espert tal-kaligrafija, nominat mill-Qorti, imliehom, iffirmhom, u iggirhom fuq it-terzi. Minhabba s-'stop payment' l-bank, kif gja nghad, ma sarafhomx u l-kaz spicca ghand il-Pulizija li investigaw. L-import rispettiv taz-zewg cekks kien fis-somma ta' Lm3,500 u Lm500 li l-imputat Farrugia kien ghaddiehom kwantu ghall-wiehed lil certu Patri Adrian Cauchi u l-iehor lil certu John Mary Cachia in restituzzjoni ta' xi dejn li hu kellu maghhom u dan skont ix-xhieda taghhom stess;

- tmien cekks li ttiehdu minn librett ta' Bank Ingliz, senjatament librett mahrug minn 'Barclays', liema librett kien ta' l-imputat Mallia, li kien hu li tohom lill-imputat

Farrugia li a sua volta kien mar sarraf seba minnhom mill-ufficju tal-kambju operat minn ‘PDK Financial Services Limited’ u in kwantu wiehed minnhom mill-ufficju tal-kambju tal-‘All Financial Services Limited’. Effettivament ic-cekks gew kollha msarfa f’ammont totali ekwivalenti fi flus Maltin ta’ circa Lm8,000 u gew sussegwentement disonerati mill-Bank Ingliz billi l-kont fuq liema nhargu c-cekks kien ilu li nghalaq xi tlettax il-sena qabel. Fil-kuntest ta’ dawn ic-cekks, l-istess espert tal-kaligarfija, gharaf il-firma fuqhom tal-ko-imputat Mallia.

Illi in kwantu ghall-ezitu tal-ezami komparattiv tal-kitba taz-zewg imputati risultanti fuq id-dokumenti inkriminati r-rapport tal-espert nominat huwa esawrienti. Ir-relazzjoni tieghu tirrizulta minn folio 106 et seq u hemm konklusivament stabbilit: i. dwar ic-cekks numru 3029 u 3033, igifieri dawk infilzati mill-librett tal-Albert Tours Limited, li l-kitba b’kollox, inkluz ghalhekk l-iffirmar u l-girata fuq ic-cekks, hija tal-imputat Benjamin Farrugia; ii. dwar ic-cekks Inglizi dawn inhargu mill-imputat Anthony Mallia, li kitibhom u iffirmhom, paggabbli lill-imputat Benjamin Farrugia li iggirhom fuq wara bil-firma u kitba ta’ dan ta’ l-ahhar.

Illi minn dan il-kwadru tal-fatti, supportat mill-provi, ghandu ghalhekk jirrisulta sodisfacjentement ippruvat:

a. kontra l-imputat Benjamin Farrugia:

a1. ir-reat ta’ ricettazzjoni billi hu pruvat bla dubbju dettat mir-raguni li hu kellhu f’idejh iz-zewg cekks li sussegwentement ghamel uzu minnhom billi imliehom, iffirmhom u iggirhom favur terzi, liema cekks indubjament kien jaf bil-provenjenza illecita taghhom, fis-sens li ma setghax ma kienx jaf li ma kienux tieghu;

a2. ir-reati li jikkonfiguraw il-falsifikazzjoni (il-falz materjali) u l-uzu xjenti tad-dokumenti (cekks, li jikkostitwixxu att pubbliku, u fejn il-falz grossolan huwa

ghal kollox irrilevanti) u dan kemm taht l-Artikolu 167 u 169 u kemm taht l-Artikolu 183 u 184 tal-Kap 9;

a3. ir-reat ta' truffa aggravata (Artikolu 308 u 310a) fir-rigward tac-cekkijiet kollha kemm dawk li ttiehdu mill-librett proprjeta' tal-Albert Tours Limited u kemm fir-rigward c-cekks Inglizi negozjati mal-ufficini tal-kambju, kif fuq inghad;

a4. li huwa recidiv izda mhux wkoll li ikkommetta l-odjerni reati fiz-zmien ta' sentenza sospiza billi dik is-sentenza sospiza (ara folio 154) nghatat wara l-kummissjoni tar-reati kontestati f'din il-kawza kontra dan l-imputat.

b. kontra l-imputat Antonio Mallia:

b1. ir-reat ta' komplicita' fit-truffa kontra l-PDK Financial Services Limited.

Ghaldaqstant, issib l-imputat Benjamin Farrugia hati tal-akkuzi riportati taht il-paragrafu
1a, 2b, 2c, 2d, 2e semplicement ghab-bazi tas-sentenza folio 145– b'referenza l-akkuzi skond kif enumerati f'din is-sentenza u wara li rat l-Artikolu 308. 310, 334, 167, 169, 183, 184, 49, 50, 18 u 17(b)(h) tal-Kap 9 tiddeciedi li tapplika kontra tieghu l-Artikolu 11 tal-Kap 446 b'daqstant li minflok sentenza ta' prigunerija qeghda tordna li jitqieghed taht ordni ta' servizz fil-komunita' ta' 200 siegha; issib ukoll l-imputat Antonio Mallia hati bhala komplici fit-truffa kontra l-PDK Financial Services Limited u wara li kkonsidrat ic-cirkostanzi u l-fedina penali tieghu u rat l-Artikolu 308, 310, 42(d), 43, 44, u 45 tal-Kap 9 qeghda tilliberah bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kap 446 billi torbtu li ma jaghmilx reat iehor punibbli bi prigunerija ghal-zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-akkuzati r-responsabbiltajiet rispettivi taghhom skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------